MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 2344/2003

**SMS Insurance Agency Ltd ghan-nom tas-socjeta` estera Ecclesiastical Insurance Office plc surrogata fid-drittijiet ta' Nichola Magri u l-istess Nichola Magri**

**Vs**

**Charles Borg**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Novembru 2003 fejn is-socjeta` atrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm323.86 (tlett mija u tlieta u ghoxrin Lira Maltin u sitta u tmenin centezmu) bhala danni subiti f'incident tat-traffiku.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
L-ammont mitlub jirraprezenta danni subiti mill-atturi wara l-incident stradali fid-data u post indikati bejn vettura EBF

453 misjuqa mill-attrici Nichola Magri u vettura EAD 334 misjuqa mill-konvenut Charles Borg ghal liema incident jaghti unikament il-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-23 ta’ April 2003 (Dok A), l-ittra ufficjali tat-23 ta’ Lulju 2003 (DokB) u l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ghal-finijiet tal-Kap 104 (Dok C) u bl-imghax dekoribbli sa l-effettiv pagament.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Il-konvenut jichad ir-responsabbilta` ghall-habta allegata, u jghid li hu
a. qatt ma bidel id-direzzjoni b’mod li jahbat fil-karozza l-ohra; u
b. sa fejn jaf hu, lanqas biss dahal.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi x-xhieda prodotta f' din il-kollizzjoni tirrispekkja versjoni attrici opposta ghal dik konvenuta. Fil-waqt li l-konvenut 'ex admissis' lanqas biss jaf x' gara - di fatti gie mwaqqaf mill-attrici - l-attrici Nichola Magri u x-xhud taghha Roberta Vassallo jafu ezattament x' gara.

It-Tribunal ma jistax ma jaghtix affidament ghal versjoni ta' dawn iz-zewg persuni. Huma xehdu li hekk kif gew maqlugha mit-trakk misjuq mill-konvenut, dana spicca fuqhom minn wara. Bil-kobor tieghu u b' container ta' 40 pied, il-konvenut ma setax ikun konsapevoli ta' dak li gara lill-attrici.

Relattivament ghal quantum tad-danni, dana ma giex kontestat mill-konvenut ai termini tal-verbal maghmul fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2004.

Jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' it-talbiet attrici, jiddikjara lil konvenut unikament responsabbli ghall-incident tas-17 ta' Dicembru 2002, jikkundannah ihallas is-somma ta' tlett mija tlieta u ghoxrin

Lira u sitta u tmenin centezmu (Lm323.86) lill-atturi, bl-ispejjes u interessi kif mitluba kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------